**23 ta' Frar 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. A. Gauci Maistre, LL.D.**

Giuseppe Apap

*versus*

Maria Cassar et

**Komunjoni tal-akkwisti — Dejn — Mara miżżewġa —**

*Meta r-raġel imut u jħalli dejn, il-kawża trid issir kontra l-eredi tiegħu u martu meta l-eredità ma tkunx għadha ġiet diviża u meta ma tkunx saret il-likwidazzjoni tal-akkwisti.*

Il-Qorti, rat id-deċiżjoni tagħha tal-24 ta' Novembru, 1964, fejn huma rikapitolati d-domanda tal-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u li biha l-konvenuta fil-kwalità tagħha

ta' kuratriċi tal-eredità ġjaċenti tal-mejjet Carmelo Cassar ġiet liberata mill-osservanza tal-ġudizzju għar-raġunijiet fl-istess sentenza indikati;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri ta' Maria Cassar, in nome proprio (fol. 61) li biha eċċepiet li l-ġudizzju ma huwiex integru peress illi l-eredità ta' Carmelo Cassar m'hiex fil-kawża wara s-sentenza tal-24 ta' Novembru, 1964;

Tikkunsidra *illi*, kif irriżulta mill-provi u kif hemm premess fis-sentenza preliminari fuq imsemmija, l-attur, qiegħed jitlob il-ħlas ta' kumpens għal xogħol li kien għamel, liema kumpens qiegħed jippretendi wkoll mingħand il-konvenuta in *nome proprio* bħala kompartecipi fil-*komunjoni tal-akkwisti* ġia eżistenti bejnha u bejn *il-mejjet* żewġha Carmelo Cassar, oltre naturalment kontra l-wirt tal-istess Carmelo Cassar. Il-preżenza ta' Maria Cassar kienet meħtieġa fil-kawża peress illi l-eredità ta' Carmelo Cassar ma ġietx diviża u għadha ma saritx il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Mill-banda l-oħra l-konvenuta Maria Cassar ma tistax tkun responsabbli għad-dejn tal-komnujoni ħlief bis-sehem tagħha biss mill-istess komunjoni u mhux personalment la darba ma jirriżulta illi assumiet id-dejn anke hija personalment (ara sentenza Bezzina vs Formosa Kollez. XXX P. L paġ. 989 u sentenza hemm ċitati). Huwa veru illi kif iddeċidiet il-Qorti tal-Appell in re Sant vs Galea Kollez. Vol. XXXIII, P. I paġ. 482, 492, il-presunzjoni hija kontra l-passività u spetta għall-mara miżżewġa li tipprova li l-komunjoni hija passiva u li kwindi mhix tenuta in nome proprio, imma b'dana kollu anzi proprju mħabba dan, il-preżenza tal-eredi jew tal-leġittimu rappreżentant tal-wirt hija neċessarja għaliex sentenza kontra l-mara biss anke għall-kwota tagħha m'hix *konċepibbli billi wieħed* qatt ma jista' jkun jaf kemm *verament* jista' jispetta lill-mara mill-komunjoni tal-akkwisti. L-attur ma ħax interess jitlob il-kjamata in kawża tal-wirt ta' Carmelo Cassar salvo dejjem

jekk f'dan l-istadju t-talba kienitx ammissibbili jew le, u l-Qorti ma jidhriliex li f'dan il-każ għandha *tordna* ex *ufficio* din il-kjamata in causa.

Għaldaqshekk tiddeċiedi billi tillibera lil Carmela Cassar in nome proprio mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-attur.